



Malta

Medjazzjoni - Malta

Liġi nazzjonali

[L-Artikolu 10 – Informazzjoni dwar il-qrati jew l-awtoritajiet kompetenti](#)

L-Artikolu 10 – Informazzjoni dwar il-qrati jew l-awtoritajiet kompetenti

Skond il-Kapitolu 474 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Att dwar il-Medjazzjoni, il-partijiet jew waħda minnhom bil-kunsens espliċitu tal-parti l-oħra jistgħu jitolbu li l-kontenut ta' ftehim bil-miktub li jirriżulta minn medjazzjoni jsir eżegwibbli bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta - il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Il-kontenut tal-ftehim għandu jkun eżegwibbli sakemm, f'dak il-każ in kwistjoni, il-kontenut ma jkunx kontra l-liġi nazzjonali. Il-kontenut tal-ftehim jista' jiġi infurzat minn qorti jew awtorita' oħra kompetenti permezz ta' sentenza jew deċiżjoni jew strument awtentiku skont il-liġi ta' l-Istat Membru fejn issir it-talba. Dwar il-kompetenza tad-diversi qrati, wieħed għandu jirreferi għall-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Dwar l-Awtorita' kompetenti, din hi Ċentru ta' Medjazzjoni għal Malta, Palazzo Laparelli, South Street, Valletta, VLT1100, Malta

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdañhal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

L-aħħar aġġornament: 09/12/2015